**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 25 ta' Frar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Michele Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 222697M**

***Kumpilazzjoni Nru. 778/2015***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Michele Vella u cioe` talli:

> Nhar it-12 ta' Lulju, 2015, għal ħabta ta' 13:00hrs u fil-ħin u ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmula minnu li ġew magħmula fi żminijiet differenti pero` li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta -
>
> Mingħajr awtorizazzjoni uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' xi appoġġ li jinżammu f'dak il-kompjuter ieħor, jew uża kkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

Taħt l-istess ċirkostanzi, għamel *output* ta' xi data, dokumentazzjoni ta' appoġġ, mill-kompjuter li kienu qiegħdin jinżammu fih, sew billi dawn ittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

Fl-istess ċirkostanzi, mingħajr awtoriżazzjoni, immodifika, tagħmir jew provvisti tal-kompjuter li ntużaw jew li huma maħsuba li jintużaw f'xi kompjuter, sistemq, ta' kompjuter jew kompjuter network;

F-istess ċirkostanzi, bil-ħsieb li jitlef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi persuna/i, weġġa bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, u li dawn ġew mxaadrin jew esposti fil-pubbliku;

Fl-istess ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettroniku, għedded li ser jagħmel reat, kif ukoll għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-artikolu 383 u/jew artikolu 412C tal-Kodici Kriminali għall-ħarsien u protezzjoni tal-persuna/i allegatament vittma/i f'dan il-każ.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-
Illi **Anabelle Brownrigg**, il-parte leza, xehdet kif kienet tahdem mal-imputat u darba fost l-ohrajn kollega taghhom, Michael Borg, infurmaha li l-*facebook account* taghha kien gie *hacked* mill-imputat. Sar rapport l-ghassa u meta tkellmet mal-imputat dan qalilha li ma kienx ghamel *hacking* izda meta hi ghamlet *log in* fl-*account* taghha minn fuq il-mobile tieghu kienet halliet l-account taghha *logged in* minn fuqu. Kien baghtilha ghadd ta' messaggi u video, li gew esebiti, fejn skuza ruhu ghall-ghemilu. Izda rrizultalha li ma kienx minnu li kienet baqghet *logged in* ghaliex hu sahanasitra dahal fis-*settings* tal-*facebook account* taghha biex jiddentifika l-*password*, dahal fil-parti fejn isaqsik *'forgot password?'* u jitolbok is-*'secret question'* u peress li kien jaf li din kienet

*'mother's hometown'*, u kien jaf li ommha mir-Rabat, irnexxielu jibdel il-*password.* Maghha qatt ma ammetta li biddlilha l-*password* izda kien insista li hi halliet l-*account* taghha *logged in.* [1] Kienet taf x'marka ta' mobile kellu, ghalhekk *"indunajt li f'device huwa [HTC] Wildfire S, IP address 78.133.2.247, estimated location San Pawl il-Bahar, fis-siegha u nofs ta' filghodu (01:30). Kien ghadu kif jispicca xoghol...naf li kellu...Wildfire S....konna hbieb ghax gieli hrigna flimkien ma tax-xoghol...il-location nafha ghax kont nispicca fl-istess hin."*[2] **Ix-xhud hi kategorika li l-imputat ma kellux il-*password* taghha** *"Imma **mhux il-password**.... hu rnexxielu jibdlu b'dik is-secret question li ghidtlek. Li lanqas jien biss kont nafha ghax kienet ilha zmien li ghamiltha u nsejtha"*[3] u kompliet li kien anke qal lil xi kollegi li kien accessa l-*facebook account* taghha billi wiegeb is-*secret question*. Esebiet l-email li rceviet li turi li kien hemm *password reset* kif intqal minn fuq *mobile phone* tal-marka Wildfire S[4] kif ukoll messaggi[5] u *pendrive* b'filmat tal-imputat jiskuza ruhu u jibki b'soghba.[6] Jghid li ma jafx x'ser jaqbad jaghmel, kienet azzjoni li wriet nuqqas ta' maturita` u li qatt ma ried iweggahha. Fil-filmat jibqa' jinsisti li kienet hi li halliet l-account *logged in*.

Illi **Michael Borg,** li fiz-zmien in dezamina kien jahdem mal-imputat u mal-kwerelanta, xehed kif ***"Michele qalli li kellu l-access ghal facebook ta' Anabelle Brownrigg".*** Kien kellmu fuq dan meta l-imputat u Annabelle kienu tlewmu.[7]

L-imputat **Michele Vella** ghazel li jixhed u spjega kif kien ghamel zmien jadem mal-parte leza id-Dolmen u kienu saru hbieb sew *"konna anke nuru l-affarijiet fuq xulxin tal-mobile".* Gieli sellfilha l-mobile u draba minnhom intebbah li kien qieghed fl-*account* taghha *"Imbaghad darba dhalt facebook minn fuq il-browser u bdejt ninduna li mhux tieghi, bdew jidhlu l-messages".* L-imputat izda jammetti li meta ma baqax jidhol fl-*account* taghha ***"niftakar darba ergajt dhalt fil-browser u staqsieni security question,…..".***

---

[1] Fol.20-24
[2] Fol.25
[3] Fol.27
[4] Dok. AB1 a fol. 31
[5] Dok. AB2 a fol.32 et seq.
[6] Dok.ABX a fol.53
[7] Fol.54-55

Minn dawn ir-rizultanzi processwali gie ampjament ppruvat li hu **acceda ghall-*account* ta' Annabelle Browrigg meta ma kienx hekk awtorizzat**. Is-*secret question* kif tixhed il-frazi stess, hi wahda sigrieta li tappartjeni unikament u esklussivament lill-*account holder*. Tinqala' l-htiega li twegibha meta tipprova tidhol fl-*account* u ma jirnexxilekx jew biex tibdel il-*password* antika. Dik id-domanda hi ntiza precizament sabiex jigi evitat *hacking* u l-fatt li l-imputat ghazel li jwiegeb dik il-mistqosija – li ghandu jinghad ma taqax mis-sema waqt li qed jintuza *facebook,* kif jipprova jaghti l-impressjoni l-imputat, izda tigi maghmula meta wiehed qed jaghmel tentattivi sabiex jidhol fl-*account* tieghu u ma jirnexxilux ghaliex ma jiftakarx il-password – tixhed kif **hu akkwista access ghal-data, l-*facebook account* ta' Brownrigg, minghajr awtorizazzjoni**. Qatt ma jista' jkun minnu ghalhekk li kull ma ghamel l-imputat kien li qara l-messaggi taghha ghax kienet ghada *logged in* fuq il-mobile tieghu. Biex inhtieg iwiegeb id-domanda li staqsietu ghas-*security question*, ifisser li Annabelle kienet verament ghamlet *log out* mill-account taghha; kien hu li ried u rnexxielu jerga' jidhol fl-account taghha!

Jigi emfasizzat li l-Qorti temmen lill-parte leza li **din qatt ma tat il-password taghha lill-imputat; kieku ma kienx ikollu ghalfejn jaghmel *password reset* billi jwiegeb is-*security question***! Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, xi darba Brownrigg kellha tinformah bil-*password* taghha, dan ma jissarrafx f'xi dritt li hu jidhol inkiss inkiss fl-*account* taghha minghajr l-gharfien u l-awtorizazzjoni taghha!

Illi l-artikolu 337B(1) jipprovdi:

"*computer*" tfisser **apparat elettroniku li jwettaq funzjonijiet ta' loġika, aritmetika u memorja** billi jimmanipola impulsi elettroniċi jew manjetiċi, u tinkludi kull *input, output,* proċessar, ħżin, *software* u faċilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' *computer* f'sistema ta' *computer* jew *computer network*;

"*computer output*" jew "*output*" tfisser il-preżentazzjoni jew ix-xbieha ta' *data* sew f'għamla miktuba, stampata, bi stampi, **ta' wiri fuq skrin,** fotografika jew filmata xort'oħra, grafika, bil-ħoss, sew f'kull għamla oħra li tiġi prodotta minn *computer*;

Illi mobile phone jammonta ghall 'computer' filwaqt li l-fatt li l-imputat accessa l-informazzjoni mill-mobile tieghu dan jammonta ghal 'output'.

Illi l-fattispecie ta' dan il-kaz, jinkwadraw rwiehom fir-reati ravvizati bl-artikolu 337C(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjoni, li gew ampjament ppruvati mill-prosekuzzjoni.

Illi fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar severa tkun dik ravvizata bl-artikolu 337(C)(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni ghalkemm ir-reat sehh fiz-zmien meta kien fis-sehh l-artiklu 252 tal-Kodici Kriminali, bl-***Att XI tal-2018***, il-kondotta ravvizata b'dak l-artiklu ma baqghetx sanzjonata bhala reat. Issir riferenza ghad-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[8]

Ghaldaqstant stante li l-imputazzjoni li kien originarjament akkuzat biha, illum il-gurnata ma ghadhiex tikkostitiwixxi reat, ghaliex in fatti l-artikolu tal-ligi in kwistjoni gie kancellat, ma jistax issa l-esponenti issa jigi misjub hati tieghu. L-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati ta' xi haga li fil-prezent ma tikkostitwixxix reat.

Jigi sottomess illi in linea mal-insenjament, *nullum crimen, nulla peona sine lege*, u tal-fatt illi meta jsiru emendi simili fil-ligi li jolqtu l-aspett sostantiv u mhux procedurali tal-ligi, u tal-fatt illi f'kazijiet bhal kaz in kwistjoni, il-principji tal-gustizzja jiddettaw li ghandha tapplika l-ligi kif l-aktar ta' beneficcju ghall-akkuzat, l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligjiet ta' Malta, li llum huwa mhassar!

In kwantu ghall-piena l-Qorti qiset n-natura tar-reati li dwahom qed tinstab htija. Sfortunatament dawn it-tip ta' reati qed jizdiedu bi frekwenza allarmanti, minghajr xi drabi mal-awtur ma jintebah kemm l-ghemil tieghu jekwipara ma vjolazzjoni tal-persuna koncernata u jikkostitwixxi intruzzjoni viljakka w vjolenti (fis-sens li jkun sar kontra l-volonta` taghha) tal-privatezza taghha. Id-dritt li l-hajja privata ta' bniedem tigi rispettata hu dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni.[9] Daqs kemm hu rreprensibbli w inaccettabbli is-serq tal-propjeta` materjali ta' persuna, daqstant iehor huwa rreprensibbli w inaccettabbli li persuna tisfa vittma ta' s-serq t'informazzjoni li wara kollox tappartjeni lilha u lilha biss!

[8] Deciza 22 ta' Settembru, 2016 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima
[9] Artikolu 32(c)

Giet kkunsidrata wkoll il-fedina penali netta tal-imputat u tal-fatt li r-reati li dwarhom qed tinstab htija saru jiem biss wara li l-imputat sar maggiorenni. Il-Qorti tat piz konsiderevoli lill-fatt li dak li ghamel l-imputat bl-ebda mod ma sar sabiex iwegga' jew jaghmel hsara lil Brownrigg, li mill-filmat muri verament jidher li kien jghozz bhala habbibtu, izda l-ghemil tieghu kien biss frott ta' bluwha u nuqqas ta' maturita`.

Ghal dawn il-mottivi filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u r-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 337C(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, issib lill-imputat hati tal-offizi l-ohra kollha, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien ghoxrin (20) xahar millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma sar l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Annabelle Brownrigg ghal zmien sentejn (2) millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**